MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2012

Numru. 148/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**
**[Spetttur Roderick Agius]**

**vs**

**Alan Azzopardi**
**Darren Brincat**

**Illum, 11 ta' Frar, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

Alan Azzopardi ta' 27 sena, iben Raymond u Maria Dolores nee' Montanaro, imwieled Pieta' nhar is-6 ta' Novembru, 1984, residenti gewwa 45, Triq id-Dielja,

Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-numru 532384 (M)

u

Darren Brincat, ta’ 32 sena, iben Rosario u Emanuela nee’ Mercieca, imwieled Pieta’ nhar il-5 ta’ Novembru, 1979, residenti gewwa Denmar, Triq ix-Xitwa, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 521079 (M).

Akkuzati talli

1. Fl-10 ta’ Frar, 2012, ghall-habta ta’ bejn it-15:30hrs u l-16:15, fi Triq il-Professur Carmelo Coleiro Zona Industrijali tal-Handaq, Qormi kkommettew serq ta’ madwar 60 litru fuel (diesel), minn go vettura (gaffa), liema serq huwa ikkwalifikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa gahd-detriment tal-kumpanija Road Maintenance Service u/jw persuna ohra,
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€165.57) u dan ghad-detriment tal-kumpanija Road Maintenance Service u/jew Persuni ohra;

Lill Alan Azzopardi wahdu akkuzat talli:
1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provediment tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-Ligijiet ta’ Malta imposti fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Antonio Micallef Trigona LL.D datata 18 ta’ Dicembru, 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel u aktar talli:
2. Matul ix-xahar ta’ Novembru, 2011 fix-Xatt tal-Marsa ikkommetta serq ta’ madwar 80 litru fuel (diesel), minn go vettura (xarabank), liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment tal-kumpanija Arriva u/jew persuni ohra

Lil Darren Brincat wahdu akkuzat talli:

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv b'diversi sentenzi liema sentenzi saru definittivi u ma jitghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(f)(g), 263, 264, 270, 271 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi kull wiehed mill-imputati ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja kull wiehed mill-imputati u l-fedina penali taghhom, kif ukoll il-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni li l-imputati ghandhom problema b'l-abbuz tad-droga pero huma disposti li jaghmlu programm ta' riabilitazzjoni u li jhallsu l-valur tad-diesel misruq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 263, 264, 270, 271 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Alan Azzopardi** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati fi'l-ordni mghoti

kontestwalment. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputat **Alan Azzopardi** biex fi zmien gimghatejn jhallas lill-parte civile, Road Maintenance Service, kumpens ta' hamsin Euro (€50.00).

U wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(g), 263, 264, 271 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Darren Brincat** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputat **Darren Brincat** biex fi zmien gimghatejn jhallas lill-parte civile, Road Maintenance Service, kumpens ta' hamsin Euro (€50.00).

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------